Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
Kumpless Bice Mizzi Vassallo
Triq Arnhem
Pembroke PBK 1776
Malta
www.ktieb.org.mt

**Id-Database tal-ISBN ta' Malta**

Id-database tal-ISBN ta’ Malta, riżorsa li ilha disponibbli mill-2016, hija aċċessibbli mingħajr ħlas mis-sit tal-KNK.

L-ISBN (International Standard Book Number) huwa numru uniku allokat għal kull ktieb ta' kull forma. Il-KNK huwa l-aġent uffiċjali tal-ISBN f'Malta u dan ifisser li l-KNK huwa id-distributur esklussiv tal-ISBN f'Malta.

L-ISBN huwa importanti għal ħafna raġunijiet fosthom biex il-ktieb ikollu numru uniku ta' identità, u raġunijiet kummerċjali bħal biex il-ktieb jkun jista’ jiġi identifikat minn sistemi ta' bejgħ. Il-KNK juża wkoll l-ISBN għar-raġunijiet amministrattivi, eżempju kotba eleġibbli għall-Premju Nazzjonali tal-Ktieb huma kotba li jiġu ppubblikati lokalment u b'hekk għandu jkollhom ISBN maħruġ mill-KNK. B'dan il-mod huwa garantit li kull min jippubblika lokalment għandu jew għandha opportunità li jipparteċipa fil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb irrispettivament min-nazzjonalità u l-oriġini tal-persuna.

L-ewwel użu tal-ISBN f'Malta kien minn Henry Grech bil-ktieb tiegħu *Ilsien Pajjiżi: junior* ippubblikat fl-1969, iżda l-ISBN beda jiġi użat mill-pubblikaturi lokali b'mod regolari mis-snin disgħin. Kotba li m'għandhomx ISBN mhumiex se jinstabu f'din id-database. Għal kotba mingħajr ISBN, wieħed għandu jfittex il-listi tal-Librerija Nazzjonali.

Wieħed jista’ jfittex din id-database permezz tal-ISBN, titlu tal-ktieb, awtur/editur/traduttur/illustratur/fotografu, pubblikatur u data tal-pubblikazzjoni.

Sfortunatament, il-KNK m'għandux informazzjoni ta' xi numri li ġew allokati minn amministrazzjonijiet preċedenti. Dawn in-numri qegħdin f'lista aċċessibbli mill-pubbliku u kull min għandu informazzjoni dwarhom huwa ġentilment mitlub biex jgħaddi l-informazzjoni lill-KNK.

www.ktieb.org.mt

www.isbndatabasemalta.org

**Malta's ISBN Database**

Malta's ISBN database, a resource that has been available to the public since 2016, may be accessed free of charge from the NBC's website.

The ISBN (International Standard Book Number) is a unique number allocated to every book in any format. The NBC is Malta's official ISBN agent which means that the NBC is the exclusive distributor of ISBN locally.

The ISBN is important for several reasons – it brands the publication in question with an easily identifiable code that is unique to it, making it especially easy to track, identify and code from a commercial point of view. The NBC also uses ISBN for administrative purposes and holds the locally issued ISBN number as a principal criteria of eligibility for participation in the National Book Prize thus ensuring that whoever publishes locally, regardless of nationality or place of origin, is entitled to participate inthis prestigious prize.

The first recorded use of ISBN in Malta was Henry Grech's for his publication *Ilsien Pajjiżi: junior* published in 1969, however the widespread use of ISBN by local publishers only came about in the nineties. Books without an ISBN are not listed in this database. Anyone interested in locating these books should consult the National Library lists.

One may search this database using any of the following fields: ISBN, title of book, author/editor/translator/illustrator/photographer, publisher and/or date of publication.

Unfortunately, the NBC is still missing some information related to numbers allocated by previous administrations. These numbers are published in a list accessible to the public and whoever has any information relating to them is kindly asked to forward it to the NBC.

[www.ktieb.org.mt](http://www.ktieb.org.mt)

[www.isbndatabasemalta.org](http://www.isbndatabasemalta.org)